MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2014

Appell Civili Numru. 249/1986/1

**Cecil Pace u Henry A. Pace; u b'nota tal-1 ta' Novembru 2005**

**il-kumpannija *World Travel & Tourism Limited***

**assumiet l-atti tal-kawża bħala ċessjonarja tal-jeddijiet litiġjużi**

**minflok l-attur Henry A. Pace**

***v.***

**Emanuel A. Bonello C.P.A.A. bħala kontrollur u għan-nom**

**u in rappreżentanza tal-kumpannija**

***Malta & Europe Hotels Limited*;**

**u b'nota tal-1 ta' Settembru, 2003,**

**Raymond Gatt għad-Ditta *Gatt,***

***Galea & Co.* assuma l-atti tal-kawża bħala kontrollur sostitut**

**tal-kumpanija *Malta & Europe Hotels Limited*;**

**u b'nota tas-16 ta' Dicembru 2013**

**id-ditta ta' Awdituri "MG1 Malta" assumiet l-atti tal-kawza minflok id-ditta "Gatt Galea & Co" bhala Kontrollur**

**tas-Socjeta` Malta & Europe Hotels Limited;**

**u b'nota tad-19 ta' Mejju 2005 l-Avukat Robert Tufigno**

**assuma l-atti tal-kawża fil-kwalità tiegħu ta' stralċarju**

**tal-kumpannija *Malta & Europe Hotels Limited***

1. Dan huwa appell tal-konvenuti minn sentenza mogħtija fit-18 ta' Frar 2010 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li laqgħet talba tal-atturi għall-ħlas ta' mgħaxijiet fuq mgħaxijiet. Huwa wkoll appell minn dikriet mogħti fil-21 ta' Marzu 2007 li ċaħad talba biex jitreqqsu eċċezzjonijiet ulterjuri, u minn dikriet ieħor tas-7 ta' Mejju 2008 li iddikjara magħluq il-ġbir tax-xiehda.
2. Il-fatti relevanti huma dawn: b'kuntratt tal-20 ta' Diċembru 1968 fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin, is-soċjetà *Gus Export International Limited*

[*GusEx*] u s-soċjetà konvenuta *Malta & Europe Hotels Limited* iddikjaraw u ftiehmu hekk:

> "Whereas the said *Malta and Europe Hotels Limited* have requested the *Gus* [*Export*] *International Limited* – hereinafter referred to as "the Lender" – for a loan of one hundred and eighty thousand pounds (₤180,000) – hereinafter referred to as "the Loan" – to enable them to complete the construction and equipment of *Grand Hotel Excelsior* at great Siege Road, Floriana;
> "Whereas the said Lender has acceded to the request of the said Hotel Company … … …
> "Now therefore in virtue of this deed Lender declares to accede and hereby accedes to grant on loan to the Hotel Company who accepts and by title of loan acquires from Lender the sum of ₤180,000 which sum will be paid out by Lender as hereinafter stated.
> "It is agreed that the loan shall bear interest at one and one half *per cent.* (1½%) over the British Bank rate up to the maximum allowed by law. This interest shall be reckoned on the amount due for balance of Loan by the Hotel Company from time to time.
> "The Hotel Company binds itself to repay the said loan with interests on simple demand by the Lender … … … However under no circumstances shall the Hotel Company delay payment of up to fifty *per cent.* (50%) of the Loan and interests beyond the thirtieth day of June, one thousand nine hundred and seventy (1970) and the final payment of the final 50% by the end of December of said year 1970, by which date the whole Loan and interests will have been paid unless Lender had earlier exercised his right to reclaim payment on simple demand prior to these dates.
> "Lender binds himself to make available the said Capital of ₤180,000 by supplying to the Hotel Company goods, equipment, materials, furniture and fittings to the value of one hundred thousand pounds (₤100,000) which the said Hotel Company is binding itself to purchase from the Lender.
> "The balance of eighty thousand pounds (₤80,000) will be paid by Lender gor goods and materials used and services rendered in connection with the construction of the said Hotel on Malta, such goods, materials and services to be made available through Lender. … … …"

3. Il-ħlas tad-dejn ġie garantit b'ipoteka ġenerali fuq il-proprjetà tas-soċjetà konvenuta u bi privileġġ speċjali fuq il-lukanda msemmija fil-kuntratt.

4. B'kuntratt ieħor tas-26 ta' Novembru 1971 fl-atti tan-Nutar George Cassar l-atturi kisbu l-kreditu b'ċessjoni mingħand *GusEx* u għarrfu lis-soċjetà konvenuta bħala debitriċi b'dan b'ittra ġudizzjarja tal-4 ta' Diċembru 1972. B'dik l-ittra ġudizzjarja l-atturi wkoll sejħu lis-soċjetà konvenuta biex tħallas l-imgħaxijiet sa dakinhar.

5. Billi igħidu illi la l-imgħax u lanqas il-kapital ma tħallsu, l-atturi fetħu din il-kawża tallum u talbu illi l-qorti tikkundanna lis-soċjetà konvenuta (kif rappreżentata, meta nfetħet il-kawża fl-10 ta' Marzu 1986, mill-kontrollur tagħha) tħallas l-imgħaxijiet kif irid l-art. 1142 tal-Kodiċi Ċivili b'seħħ minn dakinhar tal-preżentata taċ-ċitazzjoni li biha nfetħet il-kawża fuq is-somma ta' mitejn u sebgħa u erbgħin elf, disa' mija u ħamsa u disgħin lira, wieħed u sittin ċenteżmu u sitt milleżmi (Lm247,995.61,6) li, igħidu l-atturi, huma l-imgħaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) fuq id-dejn mill-20 ta' Diċembru 1968 sal-10 ta' Marzu 1986 (meta nfetħet il-kawża).

6. Is-soċjetà konvenuta ressqet l-eċċezzjoni (i) ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2156(*d*) tal-Kodiċi Ċivili u (ii) illi l-imgħax mitlub huwa aktar mill-kapital. Ressqet wkoll l-eċċezzjoni ulterjuri illi l-munita tad-dejn meta sar il-kuntratt kienet il-lira sterlina u mhux il-lira ta' Malta.

7. B'rikors tal-21 ta' Jannar 2007 is-soċjetà konvenuta (li issa kien qiegħed jidher għaliha stralċjarju flok kontrollur) talbet illi titħalla tressaq eċċezzjonijiet oħra ulterjuri fis-sens (i) illi r-relazzjoni bejn is-soċjetà konvenuta u l-awtriċi tal-atturi (*GusEx*) ma kinitx ta' self jew

*mutuum* u għalhekk ma jistgħux igħaddu mgħaxijiet fuq mgħaxijiet, u (ii) illi b'kitba privata tat-2 ta' Diċembru 1970 l-atturi kienu daħlu bħala garanti tal-ħlas ta' kera dovut minn terzi lis-soċjetà konvenuta, u dan il-kera, li huwa aktar mill-imgħax li fuqu l-atturi qegħdin jitolbu li jkompli jgħaddu mgħaxijiet, baqa' ma tħallasx.

8. B'dikriet tal-21 ta' Marzu 2007 l-ewwel qorti ċaħdet it-talba magħmula bir-rikors tal-21 ta' Jannar 2007, u b'dikriet ieħor tas-7 ta' Mejju 2008 iddikjarat magħluq il-ġbir tax-xiehda.

9. Imbagħad, bis-sentenza li minnha sar l-appell l-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

> "Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-imħarrek *nomine* billi m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;
> "Tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lill-imħarrek *nomine* jħallas lill-atturi, flimkien u solidalment bejniethom, l-imgħaxijiet komposti fuq is-somma ta' erba' mija u ħamsa u ħamsin elf, tliet mija u tnejn u disgħin euro u ħamsin ċenteżmu (€455,392.50), b'seħħ mill-10 ta' Marzu, 1986, sal-jum tal-ħlas effettiv, liema somma tirrappreżenta l-imgħax miġmugħ fuq bilanċ ta' kapital misluf lill-imħarrek *nomine* bis-saħħa ta' kuntratt tal-għoxrin (20) ta' Diċembru, elf disa' mija u tmienja u sittin (1968), u minnu dovut lill-atturi bħala ċessjonarji tal-imsemmi kreditu;
> "Tikkundanna wkoll lill-imħarrek *nomine* jħallas l-ispejjeż tal-kawża."

10. L-ewwel qorti waslet għal din il-konklużjoni wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> "Illi din hija kawża dwar l-anatoċiżmu, jew kif mod ieħor magħruf għall-ħlas ta' imgħax fuq l-imgħax fuq kreditu li ma tħallasx lura. Fl-1971, l-atturi kisbu l-jeddijiet ta' kreditu mingħand il-kumpannija *Great Universal Stores Export International Limited* (minn issa 'l quddiem imsejħa "*Gusex*") li kienet b'att pubbliku silfet lill-kumpannija mħarrka (minn issa 'l quddiem imsejħa "*MEH*") somma li l-atturi jgħidu li baqgħet qatt ma tħallset lura. Huma jridu li *MEH* tħallashom l-imgħaxijiet komposti fuq l-imgħaxijiet miġmugħa minn dak inhar tas-self oriġinali sa dak inhar li nfetħet din il-kawża;
> "Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek *nomine* (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "*EAB*") laqa' billi qal li l-azzjoni kienet waqgħet biż-żmien preskrittiv ta' ħames snin, u li, f'kull każ, ma setgħetx issir talba ta' imgħaxijiet *ultra duplum*. B'eċċezzjoni ulterjuri, laqa' wkoll billi qal li t-talba attriċi ma

setgħet qatt tinbena fuq ammont maħdum bil-Lira Maltija għaliex il-ftehim ta' self oriġinali kien jirreferi għal-Lira Sterlina;
"Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li permezz ta' kuntratt pubbliku tal-20 ta' Diċembru, 1968, fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin, *Gusex* silfet lil *MEH* (kumpannija mwaqqfa f'Ġunju tal-1966 u li kienet tgawdi b'titolu ta' enfitewsi temporanja l-ġid fil-Floriana li fuqu kellha tinbena l-lukanda *Excelsior*) is-somma ta' mija u tmenin elf lira (£180,000) taħt il-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra. Kien maqbul li dik is-somma kellha tirrendi mgħax "*at one-and-a-half percent (1½%) over the British Bank rate up to the maximum allowed by law*" u kellu jitqies fuq il-bilanċ li minn żmien għal żmien kien ikun għadu dovut minn *MEH*. Is-self kellu jintradd lura sal-aħħar tas-sena 1970. Is-self kellu jsir billi *Gusex* tagħti lil *MEH* tagħmir, materjal u għamara sal-ammont ta' mitt elf lira, u t-tmenin elf lira bilanċ kellhom jitħallsu għax-xiri ta' materjal u servizzi marbutin mal-bini ta' lukanda imsemmija *Grand Hotel Excelsior* li *MEH* kellha maħsub li tkompli ttella' fi Triq l-Assedju l-Kbir, fil-Floriana, li kien maħsub fl-istess kuntratt li tilqa' fiha l-ewwel klijenti fil-31 ta' Awissu tal-1969. *MEH* intrabtet (flimkien ma' *C.E.F.A.T.*, il-kuntratur imqabbad bil-bini tal-lukanda) li tagħmel tajjeb lil *Gusex* għad-dewmien fil-ftuħ tal-lukanda lil hinn minn dik id-data. Il-lukanda baqgħet ma nfetħitx sad-data maħsuba;
"Illi b'kuntratt pubbliku tas-26 ta' Novembru, 1971, fl-atti tan-Nutar George Cassar, *Gusex* assenjat lill-atturi l-jeddijiet tagħha fuq is-self lil *MEH* u kull jedd ieħor litiġjuż li *Gusex* kellha kontra l-istess *MEH* għas-somma ta' mija u ħamsa u tletin elf lira Sterlina (£135,000) u taħt il-patti u l-kundizzjonijiet l-oħrajn hemm dettaljatament imfissra. Għall-obbligazzjonijiet tal-atturi kienu daħlu persuni oħrajn bħala garanti solidali flimkien mal-istess atturi, kemm fuq l-imsemmi kuntratt u kif ukoll fuq kitba oħra li saret dakinhar ukoll separatament. *Gusex* tħallset £25,000 qabel il-kuntratt u l-bilanc ta' £110,000 kellu jitħallas lura bla mgħax fuq medda ta' żmien minn Frar tal-1972;
"Illi b'ittra ufficjali tas-6 ta' Dieembru, 1972, l-atturi talbu lil *MEH* biex tħallashom id-dejn tagħha u l-imgħaxijiet. *MEH* laqgħet għal dik it-talba b'ittra uffiċjali tagħha fid-9 ta' Diċembru, 1972;
"Illi fit-12 ta' Novembru tal-1974, *MEH* tqiegħdet taħt kontrollur. Inħatar l-Avukat Karmenu Mifsud Bonniċi f'din il-kariga. Huwa dam f'dik il-ħatra sal-5 ta' Novembru, 1985, meta wrajh tlaħħaq l-imħarrek *nomine*;
"Illi fil-15 ta' Jannar, 1976, il-kontrollur tal-Bank l-Avukat Mifsud Bonniċi kien ħallas lil *Gusex* b'*cheque* is-somma ta' Lm8183.30,6 (li kienu jġibu £10,000) akkont mill-bilanċ li kien għadu dovut. B'ittra mibgħuta mill-avukat ta' *Gusex* (l-Avukat Joseph Fenech) lill-avukat Mifsud Bonniċi fi Frar tal-1980, intwera l-bilanċ tal-kapital mis-somma mislufa li ma kienx għadu tħallas u ngħata prospett tal-imgħax li laħaq inġema' matul iż-żmien mill-1 ta' Jannar tal-1973;
"Illi b'kuntratt pubbliku tat-23 ta' Lulju, 1981, fl-atti tan-Nutar Francis Micallef, *Gusex* assenjat lill-kumpannija *GHE Limited* [*Grand Hotel Excelsior Limited*] (li l-azzjonist ewlieni tagħha kienet *MEH* innifsiha) il-kreditu li kien għad fadlilha kontra l-atturi mnissel bis-saħħa tal-kuntratt tal-21 ta' Novembru, 1971, għall-prezz ta' Lm 35,000 bi ħlas għas-

saldu tal-imsemmi kreditu, u issurrogat lil *GHE* fil-jeddijiet kollha li hija kellha kontra l-atturi bis-saħħa tal-istess kuntratt tal-1971;
"Illi fl-10 ta' Marzu, 1986, infetħet din il-kawża;
"Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li din il-qorti trid tagħmel f'din il-kawża huma bosta. Dawn jitnisslu mill-fatt li, mal-medda tas-snin (saħansitra sa minn qabel ma nfetħet il-kawża) kienu seħħew sensiela ta' negozji bejn il-partijiet interessati li lkoll jolqtu bis-sħiħ fuq il-qagħda legali li tirregolahom;
"Illi fl-ewwel lok, hemm il-kwestjoni tal-preskrizzjoni. Imbagħad hemm il-kwestjoni tal-valuta li fiha kien miftiehem is-self u l-arranġamenti li saru wara b'seħħ ta' dak is-self. Fit-tielet lok hemm il-kwestjoni dwar meta saru l-assenjazzjonijiet tal-jeddijiet dwar l-istess self minn *Gusex* lill-atturi u lil terzi. Fl-aħħarnett hemm il-kwestjoni dwar jekk id-"dejn" oriġinali kienx inqata' u jekk allura jmissux jinħadem imgħax jew imgħax kompost f'qagħda bħal dik, u sa liema limitu jista' jintalab imgħax fuq imgħax;
"Illi l-qorti tirrileva li biex stħarrġet dawn il-kwestjonijiet kellha tgħarbel għadd kbir ta' dokumenti mressqin mill-partijiet (l-iżjed mill-imħarrek *nomine*) u tqis is-sottomissjonijiet imressqin biss mill-atturi, għaliex l-imħarrek *nomine* naqas li jressaq is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub, minkejja ż-żmien mogħti, jew imqar li jagħmel xi sottomissjonijiet bil-fomm waqt xi smigħ, minkejja li kien patroċinat minn aktar minn avukat wieħed;
"Illi xieraq li l-qorti tistħarreġ qabel kull ħaġ'oħra l-kwestjoni mqanqla bl-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Dan jingħad għaliex jekk kemm-il darba l-qorti ssib li l-eċċezzjoni hija mistħoqqa, ma jkunx meħtieġ tidħol fi kwestjonijiet oħrajn;
"Illi l-imħarrek *nomine* jsejjes din l-eċċezzjoni fuq id-dispost tal-artikolu 2261(*d*) tal-Kodiċi Ċivili (illum 2156(*d*) tal-istess Kodiċi) li jitkellem dwar żmien ta' ħames snin ghal azzjonijiet dwar ħlas ta' mgħaxijiet ta' somom meħudin b'self jew taħt titolu ieħor, u, in ġenerali, ta' dak kollu li jitħallas bis-sena jew kull tant żmien ieħor aqsar minn sena;
"Illi kemm l-ewwel Kontrollur u kif ukoll l-imħarrek *nomine* li tlaħħaq Kontrollur warajh fl-1985 jiddikjaraw li huma qatt ma laqgħu għandhom xi interpellazzjoni uffiċjali għall-ħlas tal-imgħaxijiet komposti. Dan jista' wkoll ikun minnu minħabba li l-atturi jgħidu li kienu interpellaw uffiċjalment lil *MEH* f'Diċembru tal-1972, jiġifieri qabel ma dik il-kumpannija kienet tqiegħdet taħt il-kontroll tal-likwidatur;
"Illi, min-naħa tagħhom, l-atturi m'humiex univoċi fuq din iċ-ċirkostanza. Filwaqt li l-attur Henry Paċe kien ċert li huwa kien qabbad lill-avukat tiegħu jibgħat interpellazzjoni uffiċjali lill-Kontrollur Dottor Mifsud Bonniċi (għalkemm ma għarafx igħid, lanqas bejn wieħed u ieħor, meta kien li dik l-ittra ntbagħtet), l-attur Cecil Paċe jgħid li ma kienx hemm għalfejn tintbagħat ittra uffiċjali u dan għaliex ir-riżerva tal-ħlas tal-imgħax fuq l-imgħax kienet saret fil-ftehim li bih *Grand Hotel Excelsior Limited* kisbet il-lukanda f'Settembru tal-1991, u wkoll għaliex id-dokumenti relativi – li dwarhom kien tabilfors midħla l-imħarrek *nomine* – kienu dejjem isemmu dan il-fatt tal-ħlas tal-imgħaxijiet komposti;
"Illi mill-atti tal-kawża joħroġ li, ftit taż-żmien wara li "xtraw" il-kreditu li *Gusex* kellha kontra l-*MEH*, l-atturi kienu tassew interpellaw uffiċjal-

ment lil *MEH* b'att ġudizzjarju biex din tħallas kemm il-kapital u kif ukoll l-imgħax. Dan seħħ f'Diċembru tal-1972 u għalhekk, dik l-interpellazzjoni kellha l-effett li tikser iż-żmien preskrittiv li seta' għadda qabel dak inhar. Huwa minnu li, bejn l-1972 u l-jum li fih infetħet il-kawża (f'Marzu tal-1986), ma ntwera li tressaq l-ebda att ġudizzjarju ieħor kontra *MEH* u lanqas kontra l-kontrolluri tagħha, u għalhekk dan seta' jagħti 'l wieħed x'jaħseb li xi ħlasijiet li setgħu kienu dovuti ntilfu b'xi żmien preskrittiv. Dan jingħad għaliex, b'rieda espressa tal-liġi, il-ksur ta' żmien preskrittiv b'kull mod maħsub fil-liġi ma jżommx milli l-preskrizzjoni terġa' tibda miexja mill-ġdid;

"Illi huwa aċċettat li, fejn jidħlu mgħaxijiet fuq djun (għad-differenza minn talba għall-ħlas tad-dejn innifsu), iż-żmien preskrittiv li fih wieħed jista' jitlob il-ħlas tagħhom huwa ta' ħames snin, u dan minkejja li dak id-dejn ikun tnissel minn att pubbliku jew minn kitba privata jew inkella mod ieħor. Fid-dawl ta' dan, għalhekk, il-fatt waħdu li l-atturi kienu interpellaw lil *MEH* b'ittra uffiċjali waħda (fl-1972) u ma segwewx dik it-talba b'azzjoni jew b'interpellazzjonijiet ġudizzjarji oħrajn, kien iġib li tassew il-pretensjoni għall-ħlas ta' mgħaxijiet għaż-żmien sa ħames snin qabel infetħet din il-kawża tkun waqgħet;

"Illi, madankollu, l-liġi tagħraf ukoll li l-preskrizzjoni tinkiser bl-għarfien tal-jedd innifsu min-naħa tad-debitur. Ta' min jgħid li, f'ċerti każi, l-għarfien jitqies iżjed bħala każ ta' rinunzja għall-preskrizzjoni milli interruzzjoni taż-żmien preskrittiv, u hekk huwa l-każ fejn l-għarfien tal-jedd tal-kreditur jista' jkun ukoll impliċitu u mhux tabilfors espress jew miktub, għalkemm tali għarfien għandu jitfisser b'mod restrittiv. Il-qorti ssib li huwa sewwasew dak li seħħ f'din il-ġrajja. Dan l-għarfien seħħ, qabel kollox u żgur sa mill-1974, mill-fatt li *MEH* (fil-persuna tal-kontrolluri tagħha) kienet regolarment tagħraf l-eżistenza tal-kreditu ta' *Gusex* u kif ukoll il-fatt li dak il-kreditu kien iġorr l-imgħax.

"Fis-sewwa jista' jingħad li l-għarfien tad-dejn innifsu qajla jista' jingħad li ma jissarrafx ukoll fl-għarfien tal-obbligu tal-ħlas tal-imgħax, ladarba l-imgħax huwa konsegwenza aċċessorja tal-obbligazzjoni ewlenija;

"Illi f'dan il-każ, jirriżulta li *MEH* (jew min kien jidher għaliha) kienet espressament tagħraf il-jedd għall-ħlas tal-imgħax sena wara sena fil-kontijiet tagħha u kienet baqgħet tieħu provvediment għal din il-kontinġenza speċifika sa snin wara li nfetħet din il-kawża. Il-fatt li dawn il-kontijiet tħejjew fl-1988 (jiġifieri sentejn wara li nbdiet din il-kawża) ikompli juri, fil-fehma tal-qorti, raġuni aqwa biex issejjes tali għarfien. Hemm ukoll għarfien min-naħa tal-*MEH* sa minn żmien qabel ma nfetħet din il-kawża u sa żmien qabel l-istess *MEH* kienet tqiegħdet taħt kontrollur. Minbarra dan, meta f'Lulju tal-1981, sar il-kuntratt li bih *Gusex* assenjat il-kreditu tagħha kontra l-atturi lil *GHE Limited*, għas-saldu, is-somma mħallsa kienet tgħodd fiha kemm il-ħlas tal-kapital u kif ukoll limgħax miġmugħ fuqu sa dak inhar;

"Illi jista' jitressaq l-argument (implikat mill-istralċjarju tal-kumpannija mħarrka waqt l-għoti tax-xiehda tiegħu quddiem din il-Qorti) li ladarba l-ftehim bejn *Gusex* u l-atturi ma kienx wieħed ta' self (mutwu) imma ta' bejgħ ta' kreditu u ladarba f'Lulju tal-1981 *GHE Limited* kienet xtrat hija nnifisha l-kreditu li *Gusex* kellha kontra l-atturi, b'hekk inqatlet l-obbligazzjoni ewlenija u, bħala effett, waqaf jgħaddi aktar imgħax wara

dak inhar bil-konsegwenza li ż-żmien tal-preskrizzjoni biex jintalbu l-imgħaxijiet fuq l-imgħaxijiet bdiet għaddejja minn dak inhar. Għar-raġunijiet imsemmija aktar 'il quddiem f'din is-sentenza, din il-qorti ma taħsibx li dawk iċ-ċirkostanzi jwasslu tassew biex kisru ż-żmien tal-preskrizzjoni kontra l-atturi, dan ukoll fid-dawl tal-fatt li *MEH* innifisha baqgħet tagħraf l-eżistenza tal-pretensjonijiet tal-atturi, minkejja li setgħet ma kinitx qiegħda taqbel magħhom;

"Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u bi qbil ma' dak li jissottomettu l-atturi fin-nota tagħhom, il-qorti ma ssibx li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mistħoqqa u m'hijiex sejra tilqagħha;

"Illi l-qorti issa sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti l-oħrajn marbutin mal-każ. Ikun xieraq, qabel kull ħaġa oħra u fid-dawl tat-talbiet attriċi, li l-qorti tistħarreġ dwar il-kwestjoni tal-valuta li fiha kienu miftehma l-krediti. Dwar dan inqala' disgwid bejn l-atturi u l-imħarrek *nomine*. L-atturi bnew l-azzjoni tagħhom fuq ċifra ta' flus f'denominazzjoni ta' Lira Maltija, filwaqt li l-imħarrek *nomine* jgħid li dan ma seta' qatt ikun għaliex il-partijiet kienu ikkuntrattaw f'denominazzjoni ta' Lira Sterlina. Dwar dan, l-imħarrek *nomine* ressaq eċċezzjoni ulterjuri;

"Illi l-ewwel ftehim seħħ fl-1968 u l-kuntratt relattiv bejn *Gusex* u *MEH* sar f'Malta. Dak iż-żmien il-valuta legali f'Malta kienet il-lira ta' Malta li kienet tiswa ndaqs l-isterlina Ingliża. Dak iż-żmien, Malta kellha l-flus tagħha bħala Stat sovran. Sa Lulju tal-1971, il-Lira ta' Malta u l-isterlina nżammu fuq l-istess valur. Minn Awissu 'l quddiem, iż-żewġ valuti bdew mexjin it-triq għal rashom, bil-Lira ta' Malta mqiegħda tiswa xi ftit aktar. Meta sar il-kuntratt bejn *Gusex* u l-atturi f'Novembru tal-1971 (fejn fil-kuntratt tissemma l-ewwel darba l-valuta Sterlina bħala l-korrispettiv dovut mill-atturi ċessjonarji liċ-ċedent *Gusex*) il-Lira ta' Malta kienet tiswa lira punt ħamsa u għoxrin lira Sterlina (£ 1.25). Din il-qagħda ssoktat għal medda ta' snin, ukoll minħabba li, f'Mejju tal-1972, Malta qalbet għal sistema ta' flus deċimali. Kien biss fl-1983 li l-Lira ta' Malta (*Maltese Pound*) bdiet tissejjaħ il-Lira Maltija (*Maltese Lira*) (Lm), kif baqgħet magħrufa statutorjament sal-31 ta' Diċembru tal-2007, meta mill-għada ma baqgħetx aktar il-valuta legali f'Malta;

"Illi tajjeb li wieħed jgħid ukoll li, bħala regola ta' saħħa ġenerali li tolqot lil-liġijiet kollha dak inhar fis-seħħ fejn kienet tissemma l-valuta Maltija, il-liġi kienet stabiliet li "*L-ebda ħaġa li tinsab fid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu u fl-artikolu 4 ta' dan l-Att ma għandha tinftiehem li b'xi mod tolqot l-identità, ix-xorta, il-kontenut jew xi ħaġa oħra ta' sustanza ta' l-unità tal-flus f'Malta kemm qabel kif ukoll wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, iżda għandu jkollha effett biss bħala bidla fl-isem bl-Ingliż ta' l-imsemmija flus; u kull riferenza f'xi att privat jew pubbliku jew f'xi dokument ieħor ikun li jkun għall-unità tal-flus kif imsejħa bl-ilsien Ingliż qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att għandha tinqara u tinftiehem bħala riferenza għal dik l-unità kif mgħrufa minn hemm 'il quddiem*";

"Illi l-kwestjoni li l-partijiet ma jaqblux magħha hija dwar liema valuta għandha titqies li kienet tgħodd għall-ftehim ilħuq fuq il-kuntratt ta' Dieċmbru tal-1968, meta kemm ir-Renju Unit u kif ukoll f'Malta kien għad hemm parità fil-valuta. L-atturi jgħidu li l-ftehim kien jirreferi għall-valuta applikabbli f'Malta. Min-naħa tiegħu, l-imħarrek *nomine* jgħid li l-ħsieb tal-partijiet kien li jinnegozjaw fl-Isterlina. Din il-kwestjoni – bħal

kull pass f'din il-ġrajja mħabbla – kompliet titwiegħer għaliex, meta f'Novembru tal-1971 (meta allura l-Lira ta' Malta u l-Isterlina diġà ma kinux għadhom jiswew indaqs) *Gusex* assenjat il-kreditu tagħha kontra *MEH* lill-atturi, il-korrispettiv li l-atturi kellhom iħallsu lil *Gusex* issemma espressament f'termini ta' Lira Sterlina;

"Illi fil-fehma tal-qorti l-fatt waħdu li l-kuntratt ta' assenjazzjoni tal-kreditu li seħħ bejn *Gusex* u l-atturi jsemmi l-Lira Sterlina ma jwassalx b'daqshekk għall-konklużjoni li l-ftehim ta' self tal-1968 (bejn *Gusex* u *MEH*) kien ukoll maħsub f'dik il-valuta. Kif inhu mgħallem f'ċirkostanzi bħal din, is-soluzzjoni trid tinstab fil-fehma li l-kontraenti kellhom meta sar il-ftehim u, fin-nuqqas ta' dan, minn ċirkostanzi oħrajn li jsawru l-każ u li l-aktar jaqblu miegħu. Jekk imbagħad, wieħed iqis li l-ftehim ewlieni kien wieħed ta' mutwu, allura jkun jgħodd dak li tipprovdi l-liġi fl-artikolu 1844(2) tal-Kodiċi Ċivili fil-każ fejn ikun hemm tibdil fis-sistema tal-flus qabel jagħlaq żmien il-ħlas;

"Illi f'dan ir-rigward il-qorti qiegħda tqis li s-self kien maħsub li jagħmel tajjeb għal spejjeż ta' benefikati u l-provvista ta' għamara u tagħmir li kellu jagħmel parti mil-lukanda li kienet tinsab f'Malta. Minbarra dan, it-tmexxija tal-imsemmija kontijiet kienet issir minn Malta stess u dan taħt superviżjoni ta' perit arkitett Malti fejn jidħol il-bini u taħt kumpannija ta' awdituri Maltija fejn jidħol it-tqegħid tal-għamara u t-tagħmir. Iż-żamma tal-kontijiet u rapporti finanzjarji tal-kumpannija mħarrka *MEH* kienet tirreferi għall-valuta legali ta' Malta u mhux għal xi denominazzjoni oħra;

"Illi kull fejn l-imħarrek *nomine* ressaq xi sura ta' prova dokumentali li turi xi ammont f'denominazzjoni ta' Lira Sterlina, dan jew kien dwar fatturi ta' qabel ma kien hemm xi distinzjoni bejn il-valuta legali f'Malta u fir-Renju Unit, jew inkella fir-rigward tal-ftehim li sar f'Novembru 1971 bejn *Gusex* u l-atturi (li, f'kull każ, kien stipula l-korrispettiv tal-assenjazzjoni tal-kreditu f'denominazzjoni ta' Lira Sterlina), jew inkella b'xi dokument li sar wara April tal-1992, meta kienet allura tqanqlet l-eċċezzjoni taħt eżami;

"Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti hija tal-fehma li kull ammont li jista' jkun dovut lill-atturi jrid jitqies f'termini ta' valuta legali ta' Lira Maltija (jew, illum, l-ekwivalenti tagħha f'Euro) u mhux f'denominazzjoni ta' Lira Sterlina, u għaldaqstant, l-eċċezzjoni ulterjuri tal-imħarrek *nomine* mhix qiegħda tintlaqa';

"Illi l-qorti sejra tgħaddi issa biex tqis fil-mertu l-kwestjoni miġjuba quddiemha. Dan irid isir billi wieħed jimxi mal-ftehim li nissel ir-rabtiet bejn il-partijiet. Il-kuntratt li sar bejn *Gusex* u l-kumpannija mħarrka f'Diċembru tal-1968 kien jitkellem dwar "*loan*". Il-kuntratt jitkellem ukoll dwar ir-radd lura tal-imsemmi self, għalkemm jidher ukoll li dak is-self ma kienx imwettaq bl-għoti ta' somma flus *brevi manu*, iżda fis-sura ta' estensjoni ta' faeilità ta' kreditu li jinqata' kontra nfiq fatturat fil-bini tal-lukanda tal-istess kumpannija debitriċi *MEH*. Tressaq l-argument min-naħa tal-kumpannija mħarrka li dak in-negozju ma jistax jitqies bħala mutwu, imma bħala bejgħ bi kreditu, u saret talba wkoll (li din il-qorti dehrilha li ma kellhiex tilqa' f'dak l-istadju) biex l-istess kumpannija mħarrka titħalla tressaq eċċezzjoni ulterjuri f'dan is-sens;

"Illi l-qorti jidhrilha li l-ftehim ewlieni milħuq bejn *Gusex* u *MEH* fl-1968 kien wieħed ta' self, liema kuntratt jgħodd kemm għal għoti ta' somma flus u kif ukoll għal kull ħaġa oħra funġibbli li tista' tintemm bl-użu. Il-qorti tqis ukoll li l-ftehim għandu aktar minn ftuħ ta' kreditu ("*apertura di credito*") milli mutwu, u dan prinċipalment għaliex fil-każ tal-mutwu l-element tal-kunsinna tal-ħaġa misselfa huwa element meħtieġ u fin-natura tal-istess kuntratt li jagħti jedd rejali tal-ħaġa misselfa lil min jissellifha. F'dan il-każ, il-kuntratt ma kienx juri li *MEH* ngħatat f'idejha s-somma tal-flus misselfa lilha u lanqas b'kemm jiswew dik is-somma f'marterjal tal-bini u tagħmir, u l-kliem kien magħmul fis-sens li dak l-ammont ikun disponibbli lilha meta jseħħu l-kundizzjonijiet miftehmin;

"Illi, minkejja dan, il-kuntratt innifsu fih dispożizzjonijiet li jaqblu ma' kuntratt ta' self u mkien qabel ma tressqet din il-kawża ma jintwera f'xi att jew dokument li l-fehma ġenerali kienet differenti minn kuntratt ta' self. Dan ifisser ukoll li l-qorti tqis li m'huwiex il-każ fejn il-kuntratt kien mogħti dehra li taħbi negozju ta' xejra differenti, u ma ngħatat l-ebda raġuni tajba għaliex seta' kien hemm xi ċirkostanza fejn il-partijiet ma ridux dak li jirriżulta mill-kuntratt. Il-liġi trid ukoll li l-ftehim dwar imgħax fil-każ ta' self ma jkunx jgħodd biss fejn is-self ikun ta' somma flus, imma wkoll fejn dak is-self isir dwar merkanzija jew ħwejjeġ mobbli oħra. Meta saru l-kuntratti l-oħrajn f'Novembru tal-1971 (bejn *Gusex* u l-atturi) u f'Awissu tal-1981 (bejn *Gusex* u *GHE Limited*), il-ftehim tal-1968 issejjaħ bħala ftehim ta' self. Il-kumpannija mħarrka kienet parti fil-kuntratt tal-1968 u m'huwiex xieraq li issa tipprova tpinġih bħala xi ħaġa differenti minn dak li kien maqbul u miftiehem minnha wkoll;

"Illi f'kull każ, jidher li, sal-mument meta l-atturi daħlu fix-xena (fl-1971), l-imsemmija fondi ta' *Gusex* kienu ttieħdu kollha u li l-kreditu li *Gusex* kellha kontra *MEH* kien esiġibbli, tant li *Gusex* kienet diġà fetħet kawża fil-qrati Maltin biex titlob il-ħlas lura jew li *MEH* titqiegħed fi stat ta' insolvenza li twassal għal-likwidazzjoni tagħha;

"Illi dan kollu jrid jitqies fl-isfond tal-azzjoni li ressqu l-atturi. Bis-saħħa tal-ftehim li kien intlaħaq bejnhom u *Gusex* f'Novembru tal-1971, il-kreditu li *Gusex* kien għad għandha kontra *MEH* "inxtara" mill-atturi. Il-liġi tagħna ma tillimitax tali negozju għal xi għamla partikolari ta' jedd, imma tħalli li ssir iċ-ċessjoni ta' kull kreditu, jedd jew azzjoni Illi f'dan il-waqt jkun tajjeb li jingħad ukoll li meta l-atturi "xtraw" mingħand *Gusex* il-kreditu li din kellha kontra *MEH*, huma ma ħallsux minnufih il-korrispettiv miftiehem. Dan ifisser li għalkemm huma kienu saru kredituri ta' *MEH* bis-saħħa tal-assenjazzjoni tal-kreditu favurihom, huma kienu għadhom fl-istess waqt debituri taċ-ċedent, jiġifieri ta' *Gusex*;

"Illi fil-kwalità tagħhom ta' ċessjonarji tal-kreditu, f'Diċembru tal-1972, l-atturi interpellaw lill-kumpannija mħarrka *MEH* (id-debitriċi ċeduta) b'att ġudizzjarju biex tħallashom il-kreditu dovut u kif ukoll l-imgħaxijiet. Malli saret dik l-interpellazzjoni, seħħet it-tagħrifa meħtieġa biex tinħoloq ir-rabta diretta bejn iċ-ċessjonarju tal-kreditu u d-debitriċi ċeduta;

"Illi l-kreditu li l-atturi "xtraw" mingħand *Gusex* kontra *MEH* kien jintitolahom għal kull jedd li ċ-ċedent *Gusex* kellha sa dak iż-żmien fil-konfront tad-debitriċi tagħha. Dan kien jgħodd ukoll għall-imgħax li kien jista' jkun dovut fuq xi biċċa mill-kapital tal-kreditu li ma kienx għadu

saldat. Wara li l-atturi kienu interpellaw ġudizzjarjament lil *MEH* biex tħallas lura d-dejn tagħha u l-imgħaxijiet u għarrfitha biċ-ċessjoni li seħħet favurihom, kull pendenza dwar dak il-kreditu kienet għaddiet f'idejn l-atturi. Iżda biex l-atturi setgħu jitolbu l-imgħax fuq kull imgħax dovut dwar dak il-kreditu u biex jimxu mal-liġi, kellhom tabilfors imexxu 'l quddiem din il-kawża biex jitolbu li l-qorti tawtorizża li jitħallsu tali mgħaxijiet komposti li jkunu ilhom biex jitħallsu għal iktar minn sena qabel ma tkun saret dik il-kawża, ladarba t-tressiq ta' interpellazzjoni b'att ġudizzjarju biss ma hijiex biżżejjed biex tħalli dak l-effett, imma teħtieġ talba ġudizzjarja fis-sura ta' kawża;

"Illi f'dan l-aspett ukoll din il-kawża tqanqal żewġ konsiderazzjonijiet oħrajn. L-ewwel waħda hi l-fatt li meta l-atturi "xtraw" il-kreditu mingħand *Gusex* kontra *MEH*, ma ħallsux il-korrispettiv. It-tieni waħda (marbuta ma' din tal-ewwel) hi li *MEH* "ħallset" (permezz ta' terza persuna, jiġifieri *GHE Limited*) direttament lil *Gusex* id-dejn li l-atturi kien għad għandhom magħha bis-saħħa tal-ftehim taċ-ċessjoni tal-kreditu li kien sar fl-1971. Din il-qorti ħasbet fit-tul dwar l-implikazzjonijiet legali ta' dawn iż-żewġ ċirkostanzi li jitolbu li dwarhom isiru xi osservazzjonjiet qabel ma tkompli tistħarreġ is-siwi tat-talba attriċi;

"Illi l-effetti normali ta' ċessjoni ta' kreditu fir-rigward tad-debitur ċedut huma li dan tal-aħħar, ladarba jkun mgħarraf biċ-ċessjoni, jidħol f'rapport dirett maċ-ċessjonarju, daqslikieku d-dejn oriġinali jkun sar miegħu. F'każ bħal dak, normalment, iċ-ċessjoni "*ha per effetto la sostituzione di un nuovo creditore al posto del precedente titolare del credito, restando inalterata in tutti gli altri elementi l'obbligazione. ... con la cessione il creditore originario (cedente) trasferisce il credito ad un'altra persona (cessionario) e per effetto della cessione il debitore (che si chiama, in questo caso, debitore ceduto), invece di prestare al cedente, e` tenuto verso il cessionario*"[1];

"Illi dan iġib miegħu l-konsegwenza li, jekk kemm-il darba d-debitur ċedut iħallas dejnu xorta waħda lill-kreditur oriġinali tiegħu minkejja li jkun mgħarraf biċ-ċessjoni jew ikun jaf biha, dak il-ħlas ma jitfix il-kreditu dovut liċ-ċessjonarju. Huwa għalhekk mgħallem b'awtorità li "*la notifica, l'accettazione, come pure la conoscenza aliunde della cessione, valgono a costituire l'obbligo del debitore ceduto di adempiere solo nei confronti del cessionario, e sono, a tal fine, tra loro equipollenti, talché, in loro mancanza, esiste una presunzione, juris tantum, che il debitore sia ignaro della cessione e la liberazione del ceduto che adempia nei confronti del cedente discende dal principio che tutela il debitore di buona fede*"[2]. Fil-każ tal-lum jirriżulta mill-atti li l-atturi (iċ-ċessjonarji) għarrfu debitament lil *MEH* (id-debitriċi ċeduta) bil-ftehim ma' *Gusex* (iċ-ċedent) u dan sa minn ftit ġimgħat wara li kien sar il-ftehim ta' ċessjoni f'Novembru tal-1971;

"Illi l-ewwel mistoqsija li tqum hija dwar il-pożizzjoni ta' ċessjonarju fejn il-kreditu jkun assenjat b'korrispettiv li jibqa' ma jitħallasx liċ-ċedent. F'każ bħal dak, id-debitur ċedut jifdallu xi rabta maċ-ċedent jew xorta waħda jrid iħallas liċ-ċessjonarju u jaf lilu biss? Il-qorti hija tal-fehma li,

---

1 A. Torrente, *Manuale di Diritto Privato* ($9^a$ Ediz., 1975), § 231, f'paġ. 395.

2 Alpa & Mariconda, *Codice Civile Commentato* ($2^a$ Ediz, 2009, Lib. IV$^o$, pag. 325).

sakemm il-ftehim taċ-ċessjoni tal-kreditu jibqa' fis-seħħ, id-debitur ċedut debitament mgħarraf ma jistax jinjora tali ftehim u r-rabta tiegħu tibqa' maċ-ċessjonarju, imqar jekk dan ikun għadu ma ħallasx il-korrispettiv kollu taċ-ċessjoni liċ-ċedent. Wara kollox, meta jkun hemm ċessjoni ta' kreditu, il-kunsens tad-debitur ċedut m'huwiex meħtieġ bħala element kostitutiv għas-siwi ta' tali ċessjoni. Hija l-fehma tal-Qorti wkoll li, b'seħħ minn dak inhar li sar il-ftehim taċ-ċessjoni favur l-atturi, *Gusex* tilfet kull jedd li tisħaq ma' *MEH* għall-ħlas tad-dejn u ma baqgħetx aktar intitolata li tesiġi l-ħlas mingħandha. Dan ifisser ukoll, fil-każ tal-lum, li l-kumpannija mħarrka *MEH* ma setgħetx tinjora lill-atturi bħala d-debitriċi tagħhom u tipprova tissalda d-dejn tagħha direttament ma' *Gusex*, għaliex fid-dawl tal-prinċipji hawn fuq imsemmija u iżjed u iżjed minħabba l-effetti taċ-ċessjoni, ir-relazzjoni ġuridika emerġenti kienet biss bejnha u l-atturi;

“Illi, madankollu, jidher sewwa li *MEH* ma kinitx “komda” bl-atturi bħala l-kredituri tagħha. Dan fost l-oħrajn kien minħabba l-fatt li, lejn l-aħħar tal-1972, kien diġà qam xi disgwid bejnha u l-atturi minħabba kirja li *Pabros Limited* (kumpannija tal-familja tal-atturi) kienet ingħatat biex tmexxi l-Lukanda Excelsior u li kienet naqset li tħallas il-kera kif miftiehem. Din l-imġiba min-naħa ta' *MEH* tirrifletti xi ftit il-fehma tagħha murija fl-ittra uffiċjali tagħha tad-9 ta' Diċembru, 1972, bi tweġiba għall-interpellazzjoni magħmula lilha mill-atturi bl-ittra uffiċjali ta' tlitt ijiem qabel. F'dak l-att ġudizzjarju, *MEH* uriet bla tlaqlieq li hija riedet toqgħod b'seba' għajnejn li tħallas l-ammont li seta' kien għadu dovut b'għaqal u lil min kien tassew jistħoqqlu dak il-ħlas. Il-qorti tifhem li *MEH*, filwaqt li kienet qiegħda tagħraf li kienet saret iċ-ċessjoni, kienet qiegħda taċċettaha b'riżerva. Fil-liġi, atteġġament bħal dan għandu rilevanza mhux ta' min jittraskuraha meta mqabbla ma' aċċettazzjoni bla riżerva. Dik l-imġiba kienet sa ċertu punt dettata wkoll mill-fatt li, sa dak iż-żmien, *Gusex* kienet għadha tgawdi minn garanziji ipotekarji (fis-sura ta' privileġġ speejali) għall-kreditu tagħha fuq il-ġid (il-lukanda) ta' *MEH*. Għalhekk, li kieku *MEH* ħallset lill-atturi minflok ma ħallset lil *Gusex*, dak il-ħlas ma kienx jissarraf fit-tħassir ta' dawk l-ipoteki li kieku dawn, min-naħa tagħhom, ikunu naqsu li jħallsu dik is-somma lil *Gusex* biex jaqtgħu d-dejn li huma kien għad għandhom ma' din minħabba ċ-ċessjoni tal-kreditu li kienet saritilhom f'Novembru tal-1971;

“Illi dan iwassal għat-tieni mistoqsija, u jiġifieri x'effett joħroġ mill-fatt li fl-1981 *Gusex* assenjat il-kreditu tagħha fil-konfront tal-atturi lil *GHE Limited*. Bis-saħħa ta' dak il-kuntratt, id-dejn li l-atturi kellhom ma' *Gusex* bis-saħħa taċ-ċessjoni ta' kreditu li kienet saret fl-1971, inqata' għas-saldu u *Gusex* ħelset il-ġid ta' *MEH* mir-rabtiet ipotekarji li kellha favuriha fuq il-lukanda *Excelsior*. B'dan il-mod *GHE Limited* (li l-azzjonista ewlenija tagħha kienet l-istess *MEH*), ġiet surrogata fil-jeddijiet ta' *Gusex* kontra l-atturi. Mill-atti jirriżulta li d-dejn dovut lil *Gusex* inqata' għal kollox u *per saldo* fit-23 ta' Lulju, 1981. Dan seħħ billi l-kontrollur tal-kumpannija mħarrka *MEH* (li madankollu kien qiegħed jidher fuq l-att f'isem *GHE Limited*) ħallas b'*cheque* lil rappreżentant awtorizzat ta' *Gusex* is-somma ta' ħamsa u tletin elf lira Maltin (Lm35,000) biex jinqata' darba għal dejjem l-ammont ta' tmienja u sittin elf erba' mija u tnejn u tletin lira Sterlina (£68,432) li kien għadu

dovut sa dak iż-żmien, liema somma kienet tgħodd fiha l-imgħaxijiet miġmugħin sa Ġunju tal-1981. (Il-qorti tqis li din it-tismija ta' mgħaxijiet hija xi ftit anomala meta wieħed jara li fil-kuntratt ta' Novembru tal-1971 bejn *Gusex* u l-atturi kien espressament pattwit li l-bilanċ ta' £110,000 Sterlina li l-atturi kellhom iħallsu lil *Gusex* bħala bilanċ tal-korrispettiv taċ-ċessjoni tal-kreditu ma kellux jinkorri mgħaxijiet. Jista' jagħti l-każ li l-imgħaxijiet kellhom jitħallsu għaliex flimkien mal-kuntratt kienet inħarġet sensiela ta' kambjali dwar kull skadenza miftehma tal-ħlas ta' dak il-bilanċ);

"Illi, f'kull każ, dan ifisser ukoll li ladarba nqatel id-dejn, ma kienx hemm għalfejn jimxi mgħax ieħor minn dik id-data 'l quddiem fuq dak il-kreditu. Kif ingħad, l-imsemmi ħlas kien jirreferi għall-kreditu li l-atturi kienu "xtraw" b'titolu ta' ċessjoni ta' kreditu mingħand *Gusex* fil-konfront ta' *MEH* u l-istess atturi jistqarru li dak il-ħlas kien sar mill-imsemmi Kontrollur f'isimhom u jmissu jkun meqjus fir-rigward tat-talba attriċi nnifisha u li jitnaqqas minnha;

"Illi dan il-fatt tal-ħlas għas-saldu jmieri dak li jissemma fl-aħħar parti tal-ħames premessa taċ-ċitazzjoni attriċi. Fil-fehma tal-qorti dak il-fatt iġib miegħu ukoll l-effett li *GHE Limited* saret, b'seħħ minn Lulju tal-1981, kreditriċi tal-atturi;

"Illi dak li jinteressa l-kwestjoni f'din il-kawża huwa l-effett, jekk kien hemm, ta' tali ħlas fuq il-pretensjonijiet tal-atturi. F'kundizzjonijiet normali, jekk tnejn min-nies ikunu debituri ta' xulxin, issir tpaċija bejniethom. Dan iseħħ ukoll jekk min għandu jagħti ma jkunx jaf bl-eżistenza tad-dejn kuntrarju, għaliex fejn hemm żewġt idjun fi żmien wieħed, u sakemm id-djun ikollhom it-tnejn bħala oġġett somma ta' flus jew ħwejjeġ funġibbli tal-istess speċi u jkunu t-tnejn likwidi u li jistgħu jintalbu, joqtlu 'l xulxin safejn ikunu ndaqs. Hija regola magħrufa mil-liġi wkoll li t-tpaċija ta' krediti tista' ssir ukoll bejn dejn tad-debitur ċedut u ċ-ċessjonarju ta' dejn ieħor kontra l-istess debitur ċedut. Iżda biex isseħħ tali tpaċija *ipso jure*, jeħtieġ fl-ewwel lok li ż-żewġt idjun ikunu dovuti miż-żewġ persuni li jkunu reċiprokament ukoll iż-żewġ kredituri, u, fuq kollox, li jkunu djun mistqarra minnhom it-tnejn;

"Illi hija l-fehma tal-qorti li bis-saħħa tal-kuntratt bejn *Gusex* u *GHE Limited* f'Lulju tal-1981, huwa minnu li nqata' d-dejn li l-atturi kellhom lejn *Gusex* billi tħallas il-bilanċ li kien għad fadal u kull imgħax li seta' kien miġmugħ fuq dak il-bilanċ sa dak inhar. Madankollu, ma jistax jingħad li seħħet il-kumpensazzjoni legali jew tpaċija maħsuba mil-liġi, u dan għas-sempliei fatt li d-dejn tal-atturi ma nxtarax minn *MEH* imma minn terza persuna (minkejja li din hija tista' tgħid proprjetà ta' *MEH*, iżda b'personalità ġuridika għal kollox distinta minnha) u għalhekk jonqos l-element kruċjali tar-reċiproċità essenzjali tal-partijiet biex tista' sseħħ it-tpaċija;

"Illi, madankollu, l-ħlas magħmul minn *GHE Limited* lil *Gusex* kien ta' siwi u benefiċċju għall-atturi u, bis-saħħa tiegħu wieħed jista' jgħid li l-istess atturi ħelsu minn piż li kien jista' jintalab kontrihom f'kull ħin. Bl-imsemmi ħlas, l-atturi ġew ukoll f'qagħda fejn il-kreditu tagħhom kontra *MEH* kien għadu intatt filwaqt li d-dejn tagħhom lejn il-kreditur ċedent kien ingħalaq. Li kieku l-qorti kellha tagħlaq għajnejha għal dawn il-fatti u tħares biss lejn il-pendenza tad-dejn dovut mid-debitriċi ċeduta *MEH*,

kien ikun każ fejn jingħata premju lil min ikun stagħna bi ħsara għal ħaddieħor. Kif ingħad, l-atturi nfushom jistqarru li kull ħlas li sar biex jaqta' d-dejn li huma kellhom ma' *Gusex* imissu jinqata' mis-somma li dwarha huma qegħdin jibnu t-talba attriċi;

"Illi għalhekk dan iġib li filwaqt li l-atturi jistgħu iressqu t-talba tagħhom għall-ħlas tal-imgħaxijiet fuq l-imgħaxijiet kontra l-kumpannija mħarrka *MEH* ladarba ma ntweriex li nqata' d-dejn li din kien kellha magħhom, tali talba trid tieħu b'qies ukoll il-ħlasijiet li saru maż-żmien u li minnhom l-istess atturi ibbenefikaw. Issa meta wieħed jara l-kuntratt tat-23 ta' Lulju, 1981, isib li għalkemm iċ-ċessjoni tal-kreditu favur *GHE Limited* saret għall-korrispettiv ta' Lm35,000, fil-fatt jidher ċar li l-kreditu "mifdi" sa dak inhar kien ilaħħaq Lm51,306.04,2.  Għalhekk, hija din iċ-ċifra u mhux is-somma mħallsa miċ-ċessjonarja *GHE Limited* li trid titqies bħala l-benefiċċju nett li gawdew l-atturi, għaliex hija dik is-somma li huma kienu għadhom iridu jħallsu lil *Gusex* sa dak inhar, li kieku ma ħallsithulhomx *GHE Limited*. B'żieda ma' dan, jirriżulta wkoll li f'Jannar tal-1976 kien sar ħlas ieħor għas-somma ta' Lm8,183.30,6 lil *Gusex* mill-kontrollur ta' *MEH*;

"Illi għalhekk, meta wieħed jiġi biex iqis l-imgħax li nġema' fuq id-dejn li *MEH* kellha ma' *Gusex*, wieħed irid inaqqas is-somma ta' Lm8,183.30,6 b'seħħ mnn Jannar tal-1976, u s-somma ta' Lm51,306.04,2 b'seħħ minn Lulju tal-1981. Dan ifisser għalhekk li s-somma msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni bħala dik li fuqha qiegħda ssir it-talba għall-kundanna tal-ħlas ta' mgħaxijiet komposti trid tkun aġġustata. Minn kalkoli li għamlet il-qorti fid-dawl taż-żewġ ħlasijiet li ssemmew[3], joħroġ li s-somma ta' mgħaxijiet sempliċi miġmugħa sa sena qabel dak inhar li tressqet il-kawża jitilgħu għal mija u ħamsa u disgħin elf u ħames mitt lira Maltin (Lm195,500), jekk wieħed iħaddem ir-regola miġjuba fl-artikolu 1169 tal-Kodiċi Ċivili;

"Illi dan iġibna għat-tieni eċċezzjoni tal-imħarrek *nomine* li trid li l-liġi ma tħallix li ssir talba għal imgħax f'ammont li jaqbeż il-kapital. Din ir-regola li ilha mħarsa fis-sistema legali Malti sa minn żminijiet 'il bogħod, hija miruta mid-Dritt Ruman u dejjem tqieset bħala waħda ta' applikazzjoni rigoruża għalkemm mhix waħda assoluta.  Kemm hu hekk, hija regola li wkoll tippermetti eċċezzjonijiet, bħal ma jkun il-każ ta' użu kummerċjali jew fejn il-liġi nnifisha tippermetti l-imgħaxijiet bħala d-danni li jitnisslu mid-dewmien ta' twettiq ta' obbligazzjoni li jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata. F'każ bħal dan, jitqies li ma jkunx xieraq li d-debitur jieħu vantaġġ min-nuqqas tiegħu li jwettaq l-obbligazzjoni u jinqeda bil-proċeduri meħudin kontrih quddiem qorti biex jinqeda bihom bi skuża għaldaqshekk. Il-qorti tqis li l-azzjoni tal-atturi toqgħod sewwa fil-parametri tal-eċċezzjoni għar-regola fuq imsemmija. Bla ma terġa' ttenni ħwejjeġ li diġà jirriżultaw minn konsiderazzjonijiet li hija għamlet aktar qabel f'din is-sentenza, minkejja li bejn l-atturi u l-kumpannija mħarrka tirriżulta taqtigħa twila u mwiegħra ta' ġrajjiet komplikati u xiljiet reċiproċi, ma jistax jingħad li l-pretensjoni tal-atturi jmissha tiċċaħħad mill-benefiċċji kollha li jmorru magħha;

[3] (Lm180,000 x 0.08 x 12.5) – Lm8,183 + (Lm150,000 x 0.08 x 3.5) – Lm2,1316 + (Lm150,000 x 0.08 x 0.25).

> "Illi għalhekk, lanqas din l-eċċezzjoni ma tirriżulta mistħoqqa u għalhekk m'hijiex sejra tintlaqa'."

11. Minn din is-sentenza appellaw b'rikors tal-10 ta' Marzu 2010 il-kontrollur u l-istralċarju f'isem is-soċjetà konvenuta. Bl-istess rikors appellaw ukoll mid-dikriet tal-21 ta' Marzu 2007 li ċaħad it-talba biex jitressqu eċċezzjonijiet ulterjuri, u mid-dikriet tas-7 ta' Mejju 2008 li iddikjara magħluq il-ġbir tax-xiehda. Peress illi, jekk jintlaqa' l-appell mid-dikrieti, l-appell jieqaf hawn, għax il-kawża jkollha tintbagħat lura lill-ewwel qorti biex tqis l-eċċezzjonijiet ulterjuri, il-qorti sejra tibda billi tqis l-appell mid-dikrieti.

12. L-aggravji mid-dikrieti ġew imfissra hekk:

> "… l-esponenti, u in partikolari l-Avukat Dr Robert Tufigno fil-kwalità tiegħu ta' stralċarju tas-soċjetà *Malta and Europe Hotels Limited*, ħassew ruħhom aggravati mid-dikrieti tal-ewwel onorabbli Qorti mogħtija fil-21 ta' Marzu 2007 u fis-7 ta' Mejju, 2008. L-ewwel dikriet ingħata wara li l-appellant Dr Robert Tufigno ippreżenta rikors biex jiġi awtorizzat illi jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri li kienet intiża tattakka l-bażi legali tal-allegat kreditu prinċipali li fuqu l-atturi kienu qed jibbażaw it-talbiet tagħhom għall-imgħaxijiet komposti. Dawn l-eċċezzjonijiet … fil-qosor kienu fis-sens li (a) ma kien hemm ebda *mutuum* bejn is-soċjetà appellata [*recte*, appellanti] u s-soċjetà *Gus Export International Limited – se mai Great Universal Stores Export International Limited* – allegata awtriċi tal-atturi, u (ii) fi-kwalunkwe każ, jekk is-*sorte* kien hemm tpaċija [*sic*]. Għalhekk huwa ċar illi kieku dawn l-eċċezzjonijiet gew formalment ikkunsidrati u ġew milqugħa t-talba tal-atturi qatt ma setgħet tiġi milqugħa.
>
> Ir-raġuni li l-ewwel onorabbli Qorti tat biex ċaħdet ir-rikors tal-avukat Dr Robert Tufigno bħala stralċarju tas-soċjetà konvenuta kienet li ma nġebitx ġustifikazzjoni għall-ħtieġa tal-preżentata ta' eċċezzjonijiet ulterjuri. Jiġi sottomess illi l-esponenti daħal fil-kawża f'Mejju tal-2005 hekk kif ġie maħtur stralċarju. Illi l-interess tiegħu ta' stralċarju fl-interess tas-soċjetà *Malta and Europe Hotels Limited* u tal-azzjonisti u kredituri tagħha mhux neċessarjament jikko-inċidu mal-interessi tal-kontrollur."

13. Jingħad qabel xejn illi l-konvenut f'din il-kawża la huma l-kontrolluri u lanqas l-istralċarju; hija s-soċjetà *Malta and Europe Hotels Limited*. Il-fatt illi waqt is-smigħ tal-kawża nbidel ir-rappreżentant legali tas-soċjetà konvenuta ma jagħtix lill-istess soċjetà konvenuta dritt li tressaq eċċezzjonijiet ulterjuri. Għalhekk, il-fatt illi Dr Tufigno beda jidher f'isem is-soċjetà minn Mejju tal-2005 ma jfissirx illi eċċezzjonijiet li setgħu jingħataw fin-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri setgħu ukoll jingħataw fl-2005.

14. Lanqas ma għandha relevanza s-sottomissjoni illi l-interess tal-istralċarju ma huwiex "neċessarjament" l-istess bħal tal-kontrollur, bħallikieku l-kontrollur kellu xi interess illi ma jressaqx eċċezzjonijiet li setgħu rebbħu l-kawża. Jekk lill-istralċarju jidhirlu illi l-kontrollur ma ħarisx sew l-interessi tas-soċjetà jista' f'isimha jfittex rimedju kontra l-kontrollur, iżda dan ma jolqotx id-drittijiet ta' terzi.

15. Dwar il-meritu ta' dan l-aggravju, il-qorti tosserva illi biex, fl-2007, jitħallew li jitressqu eċċezzjonijiet ulterjuri f'kawża li ilha li nbdiet mill-1986, iridu jintwerew raġunijiet ferm tajba. L-eċċezzjonijiet li jrid iressaq l-istralċarju – li n-negozju bejn il-partijiet ma kienx ta' *mutuum* u li seħħet tpaċija fl-1970 – huma msejsa fuq fatti li kienu magħrufa fl-1986 meta nfetħet il-kawża u kien imisshom tressqu fin-nota ta' eċċezzjonijiet oriġinali.

16. Għandu jingħad ukoll, iżda, illi l-eċċezzjoni ta' tpaċija hija eċċezzjoni perentorja fil-meritu għax, jekk tintlaqa', toqtol il-meritu tat-talba tal-

atturi u mhux biss il-proċeduri tallum, u għalhekk, taħt l-art. 732(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tista' titressaq ukoll quddiem din il-qorti. Madankollu, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ – fejn wara wieħed u għoxrin sena saret talba biex titressaq eċċezzjoni li setgħet u kien imissha tressqet fil-bidunett tal-kawża – il-qorti hija tal-fehma illi għandha tqis ukoll jekk huwiex tassew meħtieġ fl-interess tal-appellanti illi l-eċċezzjoni tingħata f'dan l-istadju.

17. Jekk tara sew is-sentenza appellata tara wkoll illi l-ewwel qorti effettivament qieset jekk seħħitx tpaċija u għalkemm sabet illi tpaċija ma seħħitx għax ma kienx hemm identità tal-persuni xorta tat lis-soċjetà konvenuta l-benfiċċju ta' tpaċija meta naqqset mis-somma li sabet illi l-konvenuta kellha tagħti lill-atturi l-benefiċċju li ħadu l-atturi meta tħallas (għalkemm minn terzi, mhux mill-konvenuta) dejn li kellhom l-atturi.

18. Billi l-konvenuta ġia` ngħatat il-benefiċċju identiku għat-tpaċija mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata l-appellanti ma tiggwadanja xejn iżjed billi titħalla tressaq formalment l-eċċezzjoni ta' tpaċija wara tant snin ta' inerzja da parti tas-soċjeta` appellanti.

19. L-appell minn dawk id-dikrieti huwa għalhekk miċħud.

20. Ngħaddu issa biex inqisu l-appell mis-sentenza. L-aggravji kontra s-sentenza huma dawn:

(i) is-soċjetà *World Travel & Tourism Limited* (li assumiet l-atti tal-kawża flok l-attur Henry A. Pace bħala ċessjoarja tiegħu) ma hijiex kontradittriċi leġittima;

(ii) Henry A. Pace u s-suċċessuri tiegħu wara mewtu ma baqgħalhomx interess ġuridiku fil-kawża;

(iii) ma kienx hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni;

(iv) id-dejn kien denominat fi sterlini mhux liri ta' Malta;

(v) ma hemmx prova tar-rata ta' mgħax;

(vi) ma setax igħaddi mgħax fuq imgħax billi l-imgħax innifsu ma kienx likwidat u kapitalizzat;

(vii) l-imgħax ma setax jaqbeż il-kapital;

(viii) iċ-ċessjoni li saret minn *GusEx* lill-atturi ma kinitx tal-kreditu li *GusEx* kellha mas-soċjetà konvenuta;

21. L-ewwel aggravju huwa dwar il-leġittimazzjoni attiva tas-soċjetà *World Travel & Tourism Limited*. Is-soċjetà konvenuta tgħid illi *World Travel & Tourism Limited* bħala ċessjonarja tal-jeddijiet litiġjużi ta' Henry A. Pace ma tistax teżerċita l-jeddijiet lilha ċeduti qabel ma ċ-ċessjoni tkun mgħarrfa lid-debitur (f'dan il-każ, lis-soċjetà konvenuta) b'att ġudizzjarju[4].

22. Dan l-aggravju huwa fieragħ. *World Travel & Tourism Limited* għarrfet lill-konvenuta biċ-ċessjoni n'nota tal-1 ta' Novembru 2005 fl-atti tal-

4 Art.1471, Kod. Ċiv.

kawża. Nota fl-atti ta' kawża hija att ġudizzjarju u għalhekk iċ-ċessjoni ġiet notifikata kif trid il-liġi.

23. It-tieni aggravju jolqot il-leġittimazzjoni attiva ta' Henry A. Pace u tas-suċċessuri tiegħu *mortis causa*. Il-konvenuta tgħid illi Henry A. Pace u s-suċċessuri tiegħu ma għadx għandhom interess ġuridiku fil-kawża wara li saret ċessjoni tal-jeddijiet litiġjużi tagħhom lil *World Travel & Tourism Limited*.

24. Il-qorti ma tarax xi ħtieġa kien hemm li jitressaq dan l-aggravju. *World Travel & Tourism Limited* assumiet l-atti tal-kawża "minflok" Henry A. Pace u għalhekk huwa ovvju illi dan (u s-suċċessuri universali tiegħu warajh) ma għadux parti fil-kawża. Tassew illi l-assunzjoni tal-atti kellha ssir mhux b'nota iżda b'dikriet tal-qorti wara talba għalhekk b'rikors, iżda minkejja dan l-assunzjoni ġiet aċċettata mill-ewwel qorti u mill-partijiet, u din il-qorti ma tarax illi għandha tippermetti li jitqajjmu kwistjonijiet dwar il-validità tagħha f'dan l-istadju.

25. Ngħaddu issa għat-tielet aggravju, dak dwar l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni. L-ewwel qorti ċaħdet dik l-eċċezzjoni għax sabet illi kienet seħħet interruzzjoni b'għarfien tad-dejn. Is-soċjetà konvenuta immotivat dan l-aggravju hekk:

> "Dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ibbażata fuq l-artikolu … 2156(*d*) l-esponenti jissottomettu illi l-ewwel onorabbli Qorti ma setgħet qatt issib li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja tal-preskrizzjoni. L-ewwel onorabbli Qorti ma setgħet qatt issib li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja tal-preskrizzjoni. L-ewwel onorabbli qorti stqarret illi għalhekk ma kienx hemm att ġudizzjarju li jinterrompi l-preskrizzjoni fil-ħin, effettivament il-preskrizzjoni ġiet interrotta jew rinunzjata minħabba li kien hemm rikonoxximent tad-debitu (*sic*). Din il-konklużjoni l-ewwel onorabbli Qorti waslet għaliha a bażi tal-*accounts* tal-istess soċjetà

konvenuta minħabba li kien ikun hemm *provision* għad-debitu tas-soċjetà *Great Universal Stores Export International Limited*. Jingħad illi l-fatt li soċjetà *anonyme* tagħmel *provision* għal pretensjoni b'ebda mod ma tifsser li hemm rikonoxximent tad-debitu. Din hija prattika kostanti li jekk ikun hemm pretensjoni, anki jekk kontestata, trid issir *provision* għal benefiċċju ta' terzi. *Inoltre* jiġi rilevat illi a tenur tal-Kap. 383 il-kontrollur m'għandu ebda poter jew awtorizzazzjoni jirrikonoxxi debitu jekk mhux skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 383 u qabel skond il-*Banking Act.* F'każ ta' soċjetà bħal *Malta and Europe Hotels Limited*, li kienet u għadha fi stat ta' insolvenza la l-kontrollur u wara li daħal fis-seħħ il-Kap. 383 lanqas l-istralcarju ma jistgħu jirrikonoxxu debitu minn jeddhom. Il-fatt li ssir *provision* fl-*accounts*, aktar u aktar meta hemm kontestazzjoni f'kawża, żgur li ma jistax jiġi interpretat bħala rikonoxximent, u dan *oltre* l-fatt li tali rikonoxximent ikun *ultra vires*. *Inoltre* wara li daħal fis-seħħ il-Kap. 383 id-debitu meritu ta' dan il-każ ma ġiex rikonoxxut.

"L-ewwel onorabbli Qorti għamlet ukoll riferenza fil-kuntest tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għal kuntratt ta Lulju, 1981, ta' ċessjoni bejn *Gusex* u *GHE Limited*. Jekk wieħed jara dan il-kuntratt isib illi l-meritu ta' dan il-kuntratt mhux id-debitu (la *sorte* u anqas interessi) meritu ta' din il-kawża iżda l-ħlas li l-atturi kellhom jagħmlu lil *Gusex* bħala korrispettiv taċ-ċessjoni li sar bil-kuntratt … *Inoltre* s-soċjetà *Malta and Europe Hotels Limited* mhijiex parti għal dan il-kuntratt tat-23 ta' Lulju 1981. Għalhekk kull referenza għal dan il-kuntratt hija irrelevanti għal kollox."

26. L-atturi wieġbu hekk:

"… … … Jekk jirriżulta li s-soċjetà konvenuta *Malta & Europe Hotels Limited* irrikonoxxiet id-debitu, ma tistax tissolleva din il-preskrizzjoni indipendentement … … …

"Jirriżulta, fl-ewwel lok, illi fid-9 ta' Diċembru 1972 is-soċjetà intimata irrikonoxxiet il-kreditu:

> ""Fil-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina
>
> ""Lil Henry Pace u Cecil Pace
>
> ""Il-Kavalier Lawrence Darmanin u l-Avukat Anthony Farrugia bħala diretturi u in rappreżentanza tas-soċjetà *Malta & Europe Hotels Limited* igħarrfuk illi huma qatt ma irrifjutaw iħallsu l-kreditu tad-ditta *Gussex*, imma jirriservaw li jħallas (*sic*) kemm u lil min l-ammont effettivament dovut. Il-mittenti ġew mistiedna mill-awtoritajiet għall-massima kawtela f'materja ta' versament li jistgħu jsiru lilkom personalment, u ghalhekk huma issottomettew lill-organi kompetenti proposti konkreti għall-estinzjoni tal-kreditu *Gussex* fl-effettiva kon-sistenza tiegħu u lill-effettivi titolati tiegħu. Tant biex tagħarfu timxu.

"Irriżulta wkoll illi fil-5 ta' Ottubru 2004, Dr Robert Tufigno, fil-kwalità tiegħu ta' stralċarju tal-istess soċjetà *Malta & Europe Hotels Limited* u għan-nom u in rappreżentanza tal-istess soċjetà, ippreżenta ittra uffiċjali kontra *Grand Hotel Excelsior Limited* li biha irrikonoxxa espressament dan id-debitu li għandha s-soċjetà *Malta & Europe Hotels Limited*:

““Fil-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili
““… … …
““Permezz tal-preżenti l-Avukat Dottor Robert Tufigno fil-kwalità tiegħu ta’ stralċarju u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà *Malta & Europe Hotels Limited* (C422) jagħmel riferenza għall-kuntratt notarili tat-30 ta’ Settembru, 1991 fl-atti tan-nutar Dottor Peter Carbonaro għal liema kuntratt kienu partijiet *inter alios* Emanuel Bonello fil-kwalità tiegħu ta’ kontrollur tas-soċjetà mittenti u oħrajn, Emanuel Bonello fil-kwalità tiegħu ta’ direttur u in rappreżentanza tas-soċjetà *GHE Limited*, is-soċjetà intimata u l-Gvern ta’ Malta permezz ta’ liema kuntratt is-soċjetà mittenti ttrasferiet *inter alia* lis-soċjetà intimata l-beni immobbli imsemmija fl-istess kuntrattt u dan versu l-prezz ta Lm2,511,188 u jinterpellak sabiex fi żmien tlett ijiem tħallsu s-somma ta' Lm378,154 dovuta lilu bħala bilanċ mis-somma oriġinali ta Lm432,568 li kienet ġiet miżmuma mis-soċjetà intimata sabiex tħallas lil persuni imsemmija fl-istess kuntratt li setgħu kienu dovuti l-ammonti msemmija fl-istess kuntratt, liema somma bilanċjali baqgħet qatt ma tħallset lill-imsemmija persuni u għalhekk qed tinżamm mis-soċjetà intimata indebitament mingħajr ebda raġuni valida skond il-liġi.
““Bl-imgħax skond il-liġi.

“B’dina l-ittra d-debitriċi *Malta & Europe Hotels Limited* fil-5 ta’ Ottubru 2004 irrikonoxxiet id-debitu li hija għandha favur l-atturi Cecil Pace u s-soċjetà *World Travel & Tourism Limited* li assumiet l-atti minflok l-attur Henry A. Pace.

“Konsegwentement, dak dikjarat mill-istralċarju tas-soċjetà *Malta & Europe Hotels Limited* fl-ittra uffiċjali tiegħu tal- 5 ta' Ottubru 2004 effettivament jikkostitwixxi għarfien tad-dejn tas-soċjetà konvenuta fil-konfront tal-atturi u b’hekk irrinunzjat għall-preskrizzjoni.”

27. Fil-fehma ta’ din il-qorti l-konvenuta qiegħda tgħid sew safejn tgħid illi l-fatt illi fil-kontijiet statutorji tal-istess soċjetà ssir *provision* minħabba pretensjonijiet ta’ ħaddieħor ma jfissirx għarfien ta’ dik il-pretensjoni: huwa biss twettiq ta’ obbligu statutorju għall-ħarsien tal-interessi ta’ kredituri, attwali jew potenzjali. L-atturi jidher illi jagħarfu dan għax fit-tweġiba tagħhom ma jinsistux fuq dan l-argument iżda jressqu argumenti oħra li l-qorti sejra issa tgħaddi biex tqis.

28. Jekk l-att tad-9 ta’ Diċembru 1972 imsemmi mill-atturi fit-tweġiba tagħhom huwiex jew le għarfien tad-dejn huwa irrelevanti. Jekk kien hemm għarfien b’dak l-att dan seħħ fl-1972. Jekk inkisret il-pre-

skrizzjoni reġgħet bdiet tgħaddi u laħqet għaddiet fl-1986 meta nfetħet il-kawża.

29. L-att tal-5 ta' Ottubru 2004 imbagħad jista' forsi jitqies li jikser il-preskrizzjoni favur il-persuni hemm imsemmija (għalkemm, biex jingħad kollox, il-konvenuta ma għarfitx li kienu dovuti xi ammonti iżda biss li "setgħu kienu dovuti" xi ammonti) iżda fost dawk il-persuni ma hemmx l-atturi.

30. Għalhekk ma kien hemm ebda għarfien ta' xi dejn mal-atturi.

31. L-atturi fit-tweġiba tagħhom ikomplu jgħidu hekk:

> "Apparti dan kollu, ma tistax topera l-preskrizzjoni ta' ħames snin jew kwinkwennali meta l-kreditu jirriżulta minn att pubbliku. Difatti, l-artikolu 2146 tal-Kodiċi Ċivili jagħti l-fakultà lill-kreditur li wara ħamsa u għoxrin sena mid-data tal-aħħar kitba ssir kitba ġdida li fiha jiġi magħruf id-dejn, saħansitra permezz ta' att pubbliku:
> "… … …
> "Jekk il-kreditur ġie mogħti mil-liġi stess dawn il-jeddijiet, kif tista' s-soċjetà konvenuta tgħid li l-kreditu huwa preskritt?"

32. L-art. 2146 ma għandu x'jaqsam xejn mal-każ tallum għax japplika għal renta jew ħlas ta' kull sena, mhux imgħaxijiet.

33. Tassew illi d-dejn ewlieni – il-kapital – inħoloq b'att pubbliku, iżda f'din il-kawża l-atturi ma humiex qegħdin jitolbu l-ħlas tal-kapital iżda l-ħlas ta' mgħaxijiet. L-imgħaxijiet jintlaqtu bil-preskrizzjoni ta' ħames snin, taħt l-art. 2156(*d*), ukoll jekk il-kapital li fuqu jgħaddu dawk l-imgħaxijiet jintlaqat bi preskrizzjoni itwal għax ikun inħoloq b'att pubbliku.

34. F'din il-kawża, kif ingħad, l-atturi qegħdin jitolbu mgħax fuq imgħax. Jekk l-imgħax li fuqu jintalab l-imgħax ikun waqa' bi preskrizzjoni, ma jibqax dovut u ma jistax jiġġenera mgħaxijiet. L-eċċezzjoni ta'

preskrizzjoni għalhekk għandha tintlaqa' iżda biss għall-imgħaxijiet li saru dovuti aktar minn ħames snin qabel ma nfetħet il-kawża. Fi kliem ieħor, l-atturi jistgħu jitolbu biss imgħaxijiet fuq dawk l-imgħaxijiet li nġemgħu matul l-aħħar ħames snin qabel infetħet il-kawża. Il-kawża nfetħet fl-10 ta' Marzu 1986 u għalhekk l-imgħaxijiet li fuqhom għaddew l-imħgaxijiet mitluba f'din il-kawża huma dawk li għaddew bejn l-10 ta' Marzu 1981 u l-10 ta' Marzu 1986.

35. Billi l-ftehim bil-kuntratt tal-20 ta' Diċembru 1968 li bih inħoloq id-dejn kien illi l-kapital kellu jintradd sal-aħħar tal-1970, id-debitriċi ġà kienet *in mora* fl-1981, u għalhekk l-imgħaxijiet fuq il-kapital kienu għaddejjin bir-rata kummerċjali ta' tmienja fil-mija fis-sena (8% *p.a.*). Għalhekk il-kwistjoni tar-rata ta' mgħax imqanqla fil-ħames aggravju ma tqumx.

36. L-imgħaxijiet mill-1 ta Jannar 1971 sal-10 ta' Marzu 1981, kif rajna, illum waqgħu bi preskrizzjoni jekk ma tħallsux. Iżda, naturalment, ħlasijiet li saru dak iż-żmien xorta jridu jiġu imputati lil dawk l-imgħaxijiet qabel ma jiġu imputati lill-kapital[5].

37. L-ewwel qorti tat lis-soċjetà konvenuta l-benfiċċju ta' ħlasijiet ta' tmint elef, mija u tlieta u tmenin lira, tletin ċenteżmu u sitt milleżmi (Lm8,183.30,6) u wieħed u ħamsin elf, tliet mija u sitt liri, erba' ċenteżmi u żewġ milleżmi (Lm51,306.04,2): b'kollox disgħa u ħamsin elf, erba' mija u disgħa u tmenin lira, erbgħa u tletin ċenteżmu u tmien milleżmi (Lm59,489.34,8). Din iċ-ċifra ma ġietx kontestata.

5 Art. 1169(1), Kod. Ċiv.

38. L-imgħaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) fuq mija u tmenin elf lira (irrispettivament, għal issa, jekk humiex liri ta' Malta – Lm180,000 – jew liri sterlini – ₤180,000) għal għaxar snin bejn l-1 ta' Jannar 1971 u l-31 ta' Diċembru 1981 (u wkoll bla ma nqisu, għall-faċilità tal-kalkolu, iż-żmien bejn l-1 ta' Jannar u l-10 ta' Marzu 1981) jitilgħu għal mija u erbgħa u erbgħin elf lira (Lm144,000 jew ₤144,000), li huma anqas mill-kapital u għalhekk ir-regola tal-*ultra duplum*, hawnhekk, u bla ħsara għal dak li sejjer jingħad aktar 'il quddiem[6], ma tqumx.

39. Kemm jekk dawn huma liri ta' Malta u kemm jekk sterlini, dawn l-imgħaxijiet jeċċedu l-ħlas ta' disgħa u ħamsin elf, erba' mija u disgħa u tmenin lira, erbgħa u tletin ċenteżmu u tmien milleżmi (Lm59,489.34,8). Għalhekk il-ħlas kollu li sar għandu jiġi imputat lill-imgħaxijiet ta' qabel – bla ħsara, naturalment, għall-fatt illi l-bilanċ ta' dawk l-imgħaxijiet issa waqa' bi preskrizzjoni – u l-konvenuta ma għandhiex terġa' tingħata l-benefiċċju ta' dawk il-ħlasijiet.

40. Jifdal mela li jsir il-kalkolu tal-imgħaxijiet għall-ħames snin ta' qabel ma nfetħet il-kawża fuq il-kapital sħiħ. Dawn jiġu tnejn u sebgħin elf lira: 180,000 × 8% = 14,400; 14,400 × 5 snin = 72,000. Dawn huma l-imgħaxijiet li fuqhom għandhom igħaddu l-imgħaxijiet mitluba fil-kawża tallum. Hawnhekk għandu jiġi preċiżat illi l-atturi fil-kawża tallum ma humiex qegħdin jitolbu t-tnejn u sebgħin elf lira iżda biss l-imgħaxijiet fuqhom.

6 Para. 48 *et seqq*.

41. Imiss issa li naraw, kif irid ir-raba' aggravju, jekk l-imgħaxijiet għandhomx igħaddu fuq tnejn u sebgħin elf lira ta' Malta jew fuq tnejn u sebgħin elf lira sterlina (Lm72,000 jew ₤72,000).

42. Essenzjalment l-aggravju hu illi meta sar il-kuntratt tal-20 ta' Diċembru 1968 fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin ma għaddewx flus minn *GusEx* lill-konvenuta, u dak li għandu jitħallas lura ma huwiex flus mislufa *brevi manu* iżda "l-prezz ta' ħwejjeġ u servizzi".

43. Dan huwa minnu iżda dawn il-ħwejjeġ u servizzi ngħataw fi żmien meta kien hemm parità bejn il-lira ta' Malta u l-isterlina u għalhekk ma jistax jingħad illi l-konvenuta ħadet valur inqas għax ħadet valur f'lira sterlina li kienet tiswa anqas mil-lira ta' Malta. Li hu relevanti hu illi l-kuntratt huwa denominat f'munita – *pound* – li fiż-żmien meta sar kienet il-munita ta' Malta, għalkemm kellha l-istess isem – *pound* – u kienet tiswa l-istess bħall-munita tar-Renju Unit. Il-fatt illi, susseg-wentement, il-munita ta' Malta ngħatat isem ieħor ma jfissirx li ma baqgħetx l-istess munita.

44. Il-qorti għalhekk taqbel mal-ewwel qorti illi l-munita tad-dejn kienet il-lira ta' Malta, u l-aggravju huwa miċħud.

45. Il-ħames aggravju – dwar ir-rata ta' mgħax – huwa superat[7] u ngħaddu għalhekk għas-sitt aggravju, li ma setax igħaddi mgħax fuq imgħax billi l-imgħax innifsu ma kienx likwidat u kapitalizzat. Il-konvenuta ressqet dan l-aggravju għax tgħid illi s-somma msemmija fiċ-ċitazzjoni (tal-

[7] Ara para. 35, *supra*.

imgħax li fuqu kellu jgħaddi l-imgħax mitlub fil-kawża) ma hijiex korretta, u għalhekk l-imgħax ma jitqiesx ċert u likwidu.

46. Dan l-argument tal-konvenuta ma huwiex tajjeb. Kull ma jrid l-art. 1142 tal-Kodiċi Ċivili biex igħaddu l-imgħaxijiet fuq l-imgħaxijiet huwa illi ssir "talba ġudizzjarja għaldaqshekk" u illi "l-imgħaxijiet ikollhom jingħataw għal żmien ta' mhux anqas minn sena"; dawn iż-żewġ kondizzjonijiet tħarsu fil-kawża tallum. Il-fatt illi ċ-ċifra msemmija mill-atturi ma hijiex korretta ma jirrendix il-*quantum* inċert meta jista' jiġi faċilment likwidat, kif fil-fatt ġie faċilment likwidat aktar 'il fuq f'din is-sentenza[8].

47. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

48. Ngħaddu issa għas-seba' aggravju, illi l-imgħax ma jistax jaqbeż il-kapital.

49. Qabel xejn għandu jingħad illi bis-saħħa tat-talba taħt l-art. 1142 tal-Kodiċi Ċivili l-imgħaxijiet magħluqa jiġu kapitalizzati. Il-kapital illi issa qegħdin jintalbu l-imgħaxijiet fuqu, u li għalhekk ma jistgħux jaqbżuh dawn l-imgħaxijiet fuqu, huwa ta' tnejn u sebgħin elf lira (Lm72,000).

50. L-imgħaxijiet bit-tmienja fil-mija fis-sena (8% *p.a.*) fuq tnejn u sebgħin elf lira (Lm72,000) jiġu ħamest elef, sitt mija u sebgħin lira (Lm5,670) fis-sena, u jilħqu l-kapital wara tnax-il sena u nofs. Billi minn meta nfetħet il-kawża għadda aktar żmien minn hekk, jeħtieġ illi naraw jekk ir-regola tal-*ultra duplum* tgħoddx għall-każ tallum jew le.

---

8 Ara para. 40, *supra*.

51. Ir-regola li l-imgħax ma jistax jitla' aktar mill-kapital hija regola ġejja mid-dritt Ruman, kodifikata fil-*Lex* 27 *Cod. de usuris* — li tgħid illi l-imgħax mhux imħallas ma jistax jitla' aktar mill-kapital — u fin-Novelli 121 u 138 — li jgħidu li l-imgħax kollu, ukoll dak ġà mħallas, ma jistax ikun aktar mill-kapital[9]. Dawn kienu uħud minn serje ta' interventi leġislativi maħsuba biex iħarsu lid-debitur, fosthom il-*leges fenebres* u r-regola kontra l-anatoċiżmu, li nsibuha wkoll fil-Kodiċi Ċivili. Dawn il-provvedimenti kienu jolqtu l-imgħaxijiet konvenzjonali, *i.e. usuræ in obligatione*, u mhux *usuræ quæ officio iudicis præstantur*.

52. Li r-regola ma tapplikax fil-każ ta' *usuræ quæ officio iudicis præstantur* jirriżulta wkoll mill-ġurisprudenza ta' dawn il-qrati:

> "… … … secondo la regola di diritto non si possono domandare interessi superiori all'ammontare della sorte principale. … … … [T]ale regola … … … soffre eccezione nel caso vi fosse una contestazione di lite col debitore.[10]"

53. Ma kien hemm ebda dikjarazzjoni ġudizzjarja qabel din tallum illi għandu jitħallas l-imgħax ta' tnejn u sebgħin elf lira (Lm72,000). Għalhekk huwa biss b'seħħ millum illi dak l-imgħax jista' jitqies likwidat *officio iudicis*; għal din ir-raġuni l-imgħaxijiet fuq dak l-imgħax qabel illum ma jistgħux ikunu *ultra duplum*. Din il-qorti għalhekk ma taqbilx mal-ewwel qorti li ċaħdet l-eċċezzjoni dwar imgħax *ultra duplum*, u l-aggravju relativ huwa milqugħ.

---

9 Għalkemm il-*lex de usuris* hija parti mid-dritt Malti, in-Novelli 121 u 138 ma kinux inkorporati; ara John Francia *nomine versus* Alfredo Apap, Kumm. 15 ta' Jannar 1935, Vol. XXIX-III-73, u Caterina Bonello *et versus* Giuseppa Lanzon, 14 ta' Jannar 1964, Vol. XLVIII-III-1363.

10 Baldassare Randon *et versus* Regina Apap *et*, P.A. 26 ta' Ġunju 1871, Vol. V, 568.

54. Għal din ir-raġuni l-imgħaxijiet fuq l-imgħax ta’ tnejn u sebgħin elf lira (lm72,000) minn meta nfetħet il-kawża sallum ma jistgħux ikunu aktar minn tnejn u sebgħin elf lira (Lm72,000) – daqs mija u sebgħa u sittin elf, seba’ mija u erbatax-il euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€167,714.88) fil-munita tallum. Dan bla ħsara għal mgħaxijiet ulterjuri b’seħħ millum.

55. Fadal l-aħħar aggravju, fejn is-soċjetà konvenuta tgħid hekk:

> “L-esponenti jissotmettu ukoll illi filwaqt li l-ewwel onorabbli qorti stqarriet li n-negozju oriġinali bejn *Gusex* u s-soċjetà *Malta and Europe Hotels Limited* ma kienx wieħed ta’ self, meta ġiet biex tara jekk l-atturi għandhomx drittijiet kontra s-soċjetà *Malta and Europe Hotels Limited* injorat kompletament dan il-fatt u argumentat illi biċ-ċessjoni bejn *Gusex* u l-atturi l-atturi akkwistaw kull dritt mingħand *Gusex* kontra s-soċjetà konvenuta. Issa dan jinjora kompletament id-diċitura tal-kuntratt ta’ ċessjoni li tagħmel riferenza għal debitu naxxenti minn self, meta huwa ċar illi d-debitu li s-soċjetà appellata kellha lejn *Gusex* kien wieħed ta’ bilanċ ta’ prezz ta’ bejgħ jew servizzi. Għalhekk jonqos ukoll kull *substratum* għat-talba attriċi.”

56. Dan l-aggravju huwa, fil-fehma ta’ din il-qorti, fieragħ: il-kuntratt ta’ ċessjoni bejn *GusEx* u l-atturi jagħmel referenza espliċita għall-kuntratt tal-20 ta’ Diċembru 1968 fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin bejn *GusEx* u l-konvenuta. Jekk jista’ jkun hemm xi dubju (li ma għandu ebda relevanza għall-kawża tallum) dwar in-natura tan-negozju, ma hemm ebda dubju dwar l-identità tal-kreditu ċedut.

57. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

58. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

(i) tħassarha fejn ċaħdet l-eċċezzjoni ta’ preskrizzjoni taħt l-art. 2156(*d*) tal-Kodiċi Ċivili u, minflok, tilqagħha safejn tolqot

ingħaxijiet mhux imħallsa li nġemgħu aktar minn ħames snin qabel ma nfetħet il-kawża;

(ii) tħassarha fejn ċaħdet l-eċċezzjoni dwar imgħaxijiet *ultra duplum* u, minflok, tilqa' dik l-eċċezzjoni;

(iii) tħassarha fejn ikkundannat lis-soċjetà konvenuta tħallas l-imgħaxijiet komposti fuq is-somma ta' erba' mija u ħamsa u ħamsin elf, tliet mija u tnejn u disgħin euro u ħamsin ċenteżmu (€455,392.50), b'seħħ mill-10 ta' Marzu, 1986, sal-jum tal-ħlas effettiv, u, minflok, tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas mija u sebgħa u sittin elf, seba' mija u erbatax-il euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€167,714.88) b'titolu ta' mgħax fuq mgħaxijiet kapitalizzati b'seħħ sallum, bla ħsara għal imgħax ulterjuri b'seħħ millum;

(iv) tħassarha fejn ikkundannat lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha tal-ewwel grad u, minflok, wara li tqis ir-relatività bejn it-talba u l-kundanna, tordna illi l-ispejjeż jinqasmu hekk: żewġ ishma minn tlieta (⅔) jħallsuhom l-atturi flimkien u sehem minn tlieta (⅓) tħallsu s-soċjetà konvenuta; u

(v) tikkonfermaha fil-bqija.

59. L-ispejjeż tal-appell jinqasmu bin-nofs bejn l-atturi u l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------